**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 310/2017 CFF**

**Lawrence Desira**
**Mary Desira**
**Vs**
**Cahterine sive Katie Farrugia pro et**

**Illum 8 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenuta tigi kkundannata li thallas lill-atturi l-ammont komplessiv ta' tnax-il elf erba mija u hmistax-il ewro (€12,415) in kwantu ghas-somma ta' €11,000 f'kapital misluq ghal sena mill-atturi lill-John Farrugia, li miet fis-6 ta' Ottubru, 2015 u li l-konvenuta kienet martu u hi l-unika eredi tieghu, u liema self sar permezz ta' skrittura privata tal-21 ta' Mejju, 2015, li kopja taghha hi hawn annessa bhala Dok 'A', u inkwantu ghas-somma ta' €1415 f'imghaxijiet bir-rata ta' sitta fil-mija fis-sena (6%) u dan skont il-ftehim dwar l-imghax kif imsemmi fl-istess skrittura privata sat-12 ta' Lulju, 2017 meta l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-konvenuta.

Bl-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont komplessiv ta' €12,415 mit-13 ta' Lulju 2017 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2017 u tal-manda ta' sekwestru numru 1973/17 kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta tal-intimata Catherine Farrugia** fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju l-fatti msemmija mir-rikorrenti fl-avviz intavolat minnhom ghandhom jigu ppruvati stante illi huma kkontestati;

2. Illi preliminarjament ukoll, il-kawza odjerna giet intavolata kontra Catherine Farrugia, il-mara tad-defunt John Farrugia, u li din giet citata fil-vesti personali taghha, madanakollu t-talbiet tar-rikrorenti ma jistghux jintlaqghu fil-konfront taghha peress li l-esponenti ma kinitx firmatarja fuq l-iskrittura esebita flimkien mal-avviz, u cioe', 'Dok A';

3. Illi fil-mertu, l-atturi jridu jippruvaw sufficjentement il-provenjenza ta' din is-somma;

4. Illi sussegwentement Catherine Farrugia m'hijix anqas il-kuratrici de jure tal-wirt, meqjus battal ta' John Farrugia u f'din il-kwalita' hija ma hijiex il-legittimu kontradittur;

5. Illi fir-raba' lok, kif tezigi l-ligi f'dak illi jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mizzewgin, atti ta' amministrazzjoni straordinarja, inkluzi fosthom l-att ta' self ta' flus, huwa skond l-artikolu 1322(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta att li kien imiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Madanakollu, jidher bic-car mill-iskritturi stess (annessi mal-avviz intavolat mill-atturi) li Catherine Farrugia f'isimha proprju ma dehret qatt u ma tiffigura mkien fuq tali skritturi. Illi konsegwentement l-att li ghamel id-defunt John Farrugia mal-atturi kien wiehed straordinarju u li dan ghamlu f'ismu proprju, la ghall-htigijiet tal-familja u anqas bhala att ta' kummerc, negozju jew professjoni u li b'hekk fin-nuqqas tal-kunsens taghha dawn ma jistghux jorbtu lill-esponenti.

6. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghall-'Dok A', tal-avviz promotur, u konsegwentement l-iskrittura datata 21 ta' Mejju, 2015, ma hemm l-ebda referenza ghall-meta kellha tigi mhallsa lura s-somma kapitali. Illi fil-fatt hemm biss indikazzjonijiet f'din l-iskrittura ta' kif ghandhom jigu komputati l-

interessi fis-sena, u indikazzjoni ta meta dawn l-interessi iridu jithallsu lura, izda effettivament ma hemmx indikazzjoni jekk dawn is-sommom gewx imhallsa mal-gheluq tas-sena taghhom u b'hekk ai termini tal-artikolu 1077 tal-Kap 16, qabel jibda jiddekorri z-zmien tal-hlas ghandha tkun il-Qorti li tistabilixxi dan l-istess terminu.

7. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju, kwalunkwe azzjoni hija intempestiva, stante illi l-iskrittura esebita u mmarkata jitkellmu dwar interessi u mhux kapitali li irid jithallas wara sena;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-intimata umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet attrici kollha fl-intier taghhom, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi jew min minnhom li qeghdin minn issa jigu ngunti in subizzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza sabiex Catherine Farrugia armla ta' John Farrugia thallas is-somma ta' tnax-il elf erba' mija u hmistax il-Ewro (€12,415) in kwantu hdax il-elf (€11,000) f'kapital misluf ghal sena permezz ta' skrittura privata tal-21 ta' Mejju 2015 li saret bejn id-defunt John Farrugia u l-atturi. Illi qieghed jintalab ukoll is-somma ta' elf erbgha mija u hmistax-il Ewro (€1415) huwa imghax mifthiem bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) skond skrittura privata ohra li saret fit-12 ta' Lulju 2017 meta l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-konvenuta.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi kienu taw s-somma ta' hdax il-elf Ewro (€11,000) lir-ragel tal-konvenuta li llum mejjet. Illi r-raguni li l-atturi taw dawn il-flus lil John Farrugia minhabba li saru jafu li kien qieghed jaghti rata gholja ta' imghax fuq self. Fl-iskrittura privata mertu ta' dawn il-proceduri, l-konvenuta ma tissemmiex izda hareg li l-istess John Farrugia kien miet qabel ma kien inghalaq iz-zmien sabiex jinghataw hlas lura.

Minn naha tal-konvenuta qalet li hija ma kellha xejn x'taqsam ma' din il-kwistjoni li kien qieghed jiggestixxi r-ragel taghha ghaliex ma kenitx involuta f'ebda ftehim mal-atturi fuq din il-kwistjoni u dawn fost eccezzjonijiet ohra mqajma minnha.

Mix-xhieda tal-istess Lawrence Desira u cioe' l-attur, tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2018, spjega li huwa kien jaf li l-mejjet John Farrugia kien qieghed jaghti imghax ta' sitta fil-mija (6%) fuq self ta' flus. Huwa kien tah is-somma ta' hdax-il elf (11,000 Euro) fejn kienu ghamlu skrittura privata (dok A a fol 2) bejniethom gewwa ufficcju fiz-Zurrieq. Ftit wara li kien sellef dawn il-flus lil John Farrugia, dan tal-ahhar miet. Kien ghalhekk li kienet saret laqgha gewwa z-Zurrieq fejn il-konvenuta kienet infurmathom li kulhadd kien se jinqeda izda dan ma' gara xejn minn dan kollu.

Waqt li fis-seduta tas-16 t'Ottubru 2018 rega' xehed Lawrence Desira fejn qal li wara l-gheluq tas-sena huwa kellu jigbor elf u sitt mitt Ewro (1600 Euro) bhala imghax. Huwa kkonferma li wara l-gheluq tas-sena huwa kien jiddeciedi jekk kienx jigbor l-imghax biss jew inkella jiehu s-somma kollha li kien tah inkluz l-imghax. Huwa rega' semma li fil-fatt kien hemm zewg laqghat fejn kienu gew infurmati li kienu se jithallsu lura dak kollu li kienu hargu izda minn dan kollu ma sehhx.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn din il-Qorti sejra tghaddi fuq il-kwistjoni mqajjma mill-konvenuta dwar il-fatt li dan il-ftehim kien att ta' amministrazzjoni straordinarja u dan skont l-Artikolu 1322 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dawn il-proceduri ma ngiebet ebda prova li bejn il-konvenuta u l-mejjet John Farrugia ma kenitx tapplika l-komunjoni tal-akkwisti ladarba huma kienu mizzewgin u jghixu Malta u qatt ma ghamlu att pubbliku sabiex jeskludu l-komunjoni.

Illi dan il-fatt johrog b'mod car anki mill-istess eccezzjoni mqajjma mill-konvenuta meta ecepiet il-kwistjoni li din hija kwistjoni ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk tapplika f'kazijiet ta' zwieg taht ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi skont l-istess artikolu 1321(1) jipprovdi li l-*beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom ikollha jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat*

*xort`ohra.* Il-konvenuta tressaq din il-pretensjoni ghaliex tikkontendi li l-att li ghamel zewgha kien att ta` amministrazjoni straordinarja li huwa regolat bl-Art 1322(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk:-

*Il-jedd li jitwettqu l-atti ta` amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien.*

In vista tal-pretensjoni li qeghda taghmel il-konvenuta, irid jigi determinat jekk l-att li sar mir-ragel taghha u cioe' John Farrugia kienx jammonta ghal att ta`amministrazzjoni straordinarja. Fis-sentenza li tat fit-3 ta` Gunju 2005 fil-kawza "Carmela Galea vs Evelyn Jones et" din il-Qorti (PA/TM) qalet hekk :-

*"Gie diversi drabi stabbilit mill-Qrati taghna li huma biss dawk l-atti elenkati fl-artikolu 1322(3)(a) sa (m) li ghandhom jitqiesu ta` natura straordinarja, u, ghalhekk, ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva – ara "Agius vs Camilleri", deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Frar, 1999, u "Elmo Insurance Services Ltd vs Pace", deciza minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru, 2003."*

Il-konvenuta ssostni li l-att li tilmenta fuqhu sar minn zewgha minghajr il-kunsens taghha jaqa` taht il-paragrafu (f) tal-artikolu 1322 (3). Illi ma jidhirx li dak li ghamel ir-ragel tal-konvenuta ghamlu minhabba n-negozju tieghu ghaliex prova tax-xoghol li huwa kien jaghmel ma tresqitx. Illi ghalhekk il-pern tal-eccezzjonijiet sollevata mill-konvenuta huwa li d-dejn m'ghandux ikun a karigu taghha stante li kien ir-ragel taghha li kien ghamel dan il-ftehim minn wara darha tant li hi lanqas tidher fuq din l-iskrittura. Il-konvenuta ssostni li hija m'ghandhiex thallas ghaliex kien ir-ragel taghha li ghamel att ta' amministrazzjoni straordinarja mingħajr il-kunsens taghha li allura ma torbotx lill-komunjoni tal-akkwisti a tenur tal-artikolu 1322 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jibda jinghad li fil-kaz tal-lum jirrizulta li Catherine Farrugia ma gabet ebda prova li hija bdiet xi procedura sabiex tannulla dak l-att ta' amministrazzjoni straordinarja. L-istess artikolu 1326 (5) jghid espressament:

> *"(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta f'xi att li jkun jeħtieġ il-kunsens tal-parti l-oħra u li jkun dwar mobbli, parti taġixxi waħedha, il-parti l-oħra ma tkunx tista' titlob annullament tal-att; meta iżda, il-parti l-oħra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew taċitament, dik il-parti tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti li tkun aġixxit waħedha tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu.*

Illi b'dak li qieghed jinghad f'dan l-artikolu, ghalkemm huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja, f'dan il-kaz, il-konvenuta ma tistax titlob li tali skrittura tigi kunsidrata li hija nulla ghal fatt li ma kenitx parti fiha. Tali nuqqas taghha f'din l-iskrittura jaghti biss azzjoni kontra l-parti l-ohra li f'dan il-kaz kontra John Farrugia sabiex jaghmel tajjeb ghal tali danni li hija setghet garbet. Kien fl-interess taghha li tiehu dawk il-mizuri kollha taht l-artikolu 1326 (5) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jidher dan ma sehhx. Meta saret din l-iskrittura John Farrugia, li llum huwa mejjet, ghamlu fiz-zmien meta kien ghad hemm ghaddej ir-regim tal-kommunjoni tal-akkwisti u ghalhekk dak li sar kien sejjer jaffetwa lil kull parti anki jekk sar wara dahar il-mara tieghu u cioe' Catherine Farrugia. Illi ghalhekk il-konvenuta ma tistax tinqeda li dak li sar minn John Farrugia bl-insaputa taghha iggib in-nullita tal-istess skrittura. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta.

Il-konvenuta tghid ukoll li l-kawza giet intavolata kontra taghha fil-vesti personali taghha. Illi dan il-fatt huwa marbut ukoll ma kwistjoni mqajjma dwar li l-konvenuta ma tidhirx fl-istess skrittura dwar l-att ta' amministrazzjoni straordinarja. F'dan il-kaz l-argument li hija ma kenitx firmatarja ta' din l-iskrittura ma jistax japplika f'dan il-kaz u dan ghaliex fiz-zmien meta saret din l-iskrittura, iz-zwieg tal-konvenuta kien marbut bir-regim tal-kommunjoni tal-akkwisti. Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri lanqas ma ngiebet prova tal-fatt li l-konvenuta fejn iz-zwieg taghha ma kienx immexxi mill-

komunjoni tal-akkwisti. Illi ghalhekk dak li ghamel ir-ragel taghha jaqa' piz fuq il-komunjoni u ghalhekk l-unika rimedju li kellha l-konvenuta kien li tmexxi kontra r-ragel taghha taht dak li nghad hawn fuq. Illi ghalhekk anki din l-eccezzjoni qeghda tigi respinta.

Illi minn naha l-ohra l-istess konvenuta tecepixxi li hija mhiex il-legittimu kontradittur minhabba l-fatt li mhijix il-kuratrici *de jure* tal-wirt, meqjus battal ta' John Farrugia. Illi ta' min jinnota dak li jghid l-artikolu 860(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta dwar ir-rinunzja ghall-wirt jipprovdi li r-rinunzja ghall-wirt ma tistax tkun prezunta. F'dan il-kuntest, issir referenza ghall-kaz fl-ismijiet *Joseph Gauci et vs Jane Galea et, P.A. deciza fit-3 ta' April 2003* fejn ntqal: "………u *allura jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux atto di eredita`, huma jistghu, f'kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt."* (Ara wkoll B*org noe vs Camilleri et, deciza fit-2 ta' Novembru 1995 - App.Civ.*).

Illi f'dan il-kuntest ma ngiebet ebda prova minn naha tal-konvenuta li hija b'xi mod irrinunzjat jew inkella li hija mhiex l-eredi ta' zewgha. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tassumi dak li ntqal fir-risposta tal-konvenuta li hi m'hiex il-legittimu kontraditur f'dawn il-proceduri u ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi respinta.

Issa jibqa' l-fatt jekk f'dak li hemm fl-iskrittura li saret bejn l-atturi u r-ragel tal-konvenuta li ggib id-data tal-21 ta' Mejju 2015. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003 (Citazzjoni Numru.1348/2000/TM) fil-kawza fl-ismijiet '**Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe'** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat.*

Huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba tal-ftehim. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies

jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat (ara **Clive Simpson vs John Saliba nomine et,** PA 22/06/2004 u **Frendo vs Caruana**, App Civ 28/01/1999). Fejn il-kitba hi cara, dak li kien miftiehem ghandu johrog mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'mohhom il-partijiet (ara **Brincat vs Saliba**, App Civ 14/11/1983). Il-kunsens, veru li ghandu jkun espressjoni tal-volonta' ta' dak li ta l-kunsens, pero', meta l-kunsens jinghata forma solenni ta' att pubbliku, hu prezunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volonta' interna tal-kuntraent.

Il-prova kuntrarja, biex twaqqa' dak li jirrizulta minn att pubbliku, trid tkun cara, inekwivoka, u konkludenti (**Grech vs Ciantar**, Qorti tal-Kummerc 21/05/1979).

F'dan il-kaz Lawrence Desira jghid li meta sellef il-flus lil John Farrugia huwa kellu l-hsieb li jiehu kollox lura inkluz l-imghax jew inkella jhalli dik is-somma skont is-sitwazzjoni li jkun fiha. Dan il-fatt hareg bic-car mill-attur meta qal (a fol 27) *"Iva, jekk ikun tajjeb, inhallihom, jekk ma nkunx tajjeb, nigbidhom".* Illi minn dak li hemm fl-istess skrittura li tinsab a fol 2 tal-process johrog bic-car li l-ammont li kien gie misluf lil John Farrugia kien ta' hdax il-elf Ewro (11,000 Euro) u wara sena jinghata wkoll imghax ta' sitta fil-mija ghall-ammont ta' sitt mija u sittin Ewro (660 Euro) mas-somma mislufa.

Illi minn dak li ntqal fl-esposizzjoni legali johrog bic-car li l-intenzjoni li jinghata s-somma lura kollha u l-imghax maghhom kellha tkun id-data tal-21 ta' Mejju 2016 jekk tinzamm ghal sena. Illi ghalhekk il-hsieb tal-partijiet kienet wahda cara li wara l-gheluq tas-sena jinghata lura lill-atturi is-somma ta' hdax il-elf sitt mija u sittin Ewro (11,660 Euro) inkluz il-kapital misluf u l-imghax bis-sitta fil-mija.

Illi ghalhekk pero li qabel l-gheluq tas-sena John Farrugia miet u l-biza tal-attur kien li huwa ma kienx se jithallas la l-kapital u lanqas l-imghax dovut. Minn dak li xehed l-istess Lawrence Desira, dan John Farrugia halla ammonti ta' persuni jittamaw sabiex jithallsu lura flus dovut lilhom.

Waqt li l-konvenuta tghid li ma hemm l-ebda referenza ghal meta kellha tigi mhallsa lura s-somma kapitali ghaliex hemm biss indikazzjoni ta' kif ghandhom jigu komputati l-interessi fis-sena u ta' meta dawn l-interessi iridu jithallsu lura. Din il-Qorti ma taqbilx

ma' dak li qalet l-konvenuta fir-risposta taghha. F'dan il-kaz il-kliem huwa car li wara l-gheluq tas-sena jithallas l-ammont ta' imghax bis-sitta fil-mija u jithallas fil-21 ta' Mejju 2016 jekk tinzamm ghal sena u fid-data stabbilita fil-ftehim tithallas is-somma kollha lura kemm l-imghax u l-kapital.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et"** (Cit. Nru: 3535/96/RCP) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:

> *"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda"*. (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi *inoltre* gie deciz illi :

> "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **"Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. (RCP) 30 t'Ottubru 2001.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost hija l-konvenuta li ghandha twiegeb ghall-hlas dovut skont il-ftehim li sar bejn l-atturi u d-defunt John Farrugia tal-iskrittura li saret fil-21 ta' Mejju 2015.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David D noe** deciza nhar it-28 t'April 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn gie ritenut li:

> "***Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.***

Illi f'dan il-kaz l-atturi qieghdin jaghmlu referenza fit-talba taghhom ghal dokument iehor li sar fit-12 ta' Lulju 2017 meta prezentaw ittra ufficjali kontra l-konvenuta. Illi waqt il-mori ta' dawn il-proceduri dan id-dokument ma giex ipprezentat. Madanakollu waqt il-kawza dan il-fatt gie konfermat mill-istess attur meta qal li nizel zgur "fil-kantina tal-Qorti", darbtejn, u dan a bazi ta' probabbilita' l-Qorti temmen li huwa qieghed ghalhekk jikkonferma li nizel ma' l-Avukat biex jintavola l-ittra ufficcjali msemmija – fatt li tul il-kors tal-proceduri ma giex ikkontestat mill-konvenuta. Illi in vista tal-fatt li saret din il-prova permezz tax-xhieda ta' l-istess attur Desira l-Qorti qeghda tasal ghall-konkluzjoni li s-somma kollha pretiza u cioe' dik ta' tnax-il elf erbgha mija u hmistax-il Ewro (€12,415) ghandha tithallas in toto.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf erba' mija u hmistax-il Ewro (€12,415), bl-ispejjez legali ta' din il-kawza u ta' l-ittra ufficcjali datata 12 ta' Lulju 2017 u tal-mandat ta' sekwestru 1973/2017 u bl-imghax legali li ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**